**28 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Portelli noe et

*versus*

Joseph Ebejer

**Danni — "Damnum Emergens" — Lucrum Cessans — Kolliżjoni — Debilita permanenti — Mara tad-dar — Seftura — Culpa aquiliana**

*Prinċipji li għandhom jiġu segwiti fil-likwidazzjoni ta' danni sofferti minn mara ta' dar u konsistenti f'debilita permanenti konsegwenza ta' feriti riportati f'kolliżjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija u wara li jippremettu illi fil-11 ta' Mejju, 1961 huma minbarra Giuseppe Portelli, kienu passiġġieri fix-char-a-banc numru 532, li kienet misjuqa mill-konvenut, u illi l-konvenut, imħabba negliġenza, traskuraġġni u imperizja, ħabat, u x-char-a-banc inqalbet u b'konsegwenza huma kollha barra Giuseppe Portelli sofrew danni; jitolbu illi, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-konvenut jiġi minn din il-Qorti dikjarat responsabbli tad-danni kollha sofferti minnhom; (2) jiġu likwidati l-istess danni, konsistenti f'telf ta' oġġetti personali kif ukoll fuq il-persuna tagħhom okkorrendo permezz ta' periti nominandi; (3) il-konvenut jiġi kundannat iħallashom id-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Diċembru 1961.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa, preliminarjament illi l-istanza in kwantu ġiet proposta minn Giuseppe Portelli, bħala kuratur ad litem ta' uliedu minuri, u l-istanza jmissha ġiet proposta, f'din il-kwalità. Subordinatament u *bla preġudizzju għal dak li għadu kemm intqal*, ma jirriżulta minn imkien illi Giuseppe Portelli, għamel rikors biex jiġi nominat kuratur ad litem ta' uliedu minuri; fil-meritu, illi l-inċident in kwistjoni ġara minħabba difett mekkaniku fix-charabanc li hu kien qiegħed isuq li ġara dak il-ħin stess. Fi kwalunkwe każ it-talba għad-danni magħmula mill-atturi kienet *esaġeratissima, kif jiġi pruvat* aktar 'il quddiem, peress li dawna talbu somma mhux dovuta lilhom skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u dik tal-konvenut.

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 1962, u in specie, li l-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni minnu sollevata.

Rat id-digriet tad-9 ta' Mejju, 1962, li bih ġie nominat perit biex jirrelata jekk il-konvenut huwiex responsabbli għaddanni pretisi sofferti mill-atturi u f'każ affermativ biex jillikwida l-istess danni u biex jissottometti wkoll l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat il-proċess verbali tas-seduti *miżmuma mill-perit legali* u r-relazzjoni ta' l-istess perit;

Semgħet lill-attriċi Crocifissa Portelli, bil-ġurament u semgħet lix-xhieda prodotti mill-konvenut;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:—

Illi fil-11 ta' Mejju, 1961, l-attriċi Giuseppa Portelli, u wliedha, l-atturi Toni, Giuda, Tadeo, Gioacchino, u Crocifissa, aħwa Portelli, kienu rekbin fuq ix-charabanc numru 532, misjuq mill-konvenut. F'ċertu mument din il-vettura, ħabtet u *inqalbet, u fl-inċident l-atturi msemmija tilfu u ġew rovinati* minn diversi oġġetti personali u l-attriċi Giuseppa Portelli u binha Toni sofrew ukoll lesjonijiet personali tali li minħabba fihom kellhom jiġu meħuda l-isptar fejn damu taħt kura għal ċertu żmien. L-atturi jimputaw ir-responsabilità għall-inċident lill-konvenut u qegħdin jitolbu li jiġu minnu kompensati għaddanni li jippretendu li sofrew.

Illi kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-14 ta' Ġunju, 1962 quddiem il-Perit Legali, il-konvenut aċċetta ir-responsabilità tiegħu għall-inċident in kwistjoni.

Illi rigward id-danni l-perit legali ssottometta li bħala konsegwenza ta' l-inċident fuq imsemmi l-atturi huma ntitolati għal perdità reali u spejjeż minnhom effettivament sofferti — perdita u spejjeż li ġew minnu detaljatament deskritti — saż-żmien minnu ndikat fis-somma minnu likwidata ta' £85.11.6. ċioè £15.11.6d. indumenti personali mitlufa minn Giuseppa Portelli u wliedha Guda Taddeo, Gioacchino u Crocefissa; £20 spejjeż inerenti għal kura ta' Giuseppa Portelli u £50 għal spejjeż oħra relativi għall-istess kura; li l-attriċi Giuseppa Portelli hija ntitolata għal paga ta' seftura u telf ta' qliegħ saż-żmien li ġie minnu ndikat fis-somma ta' £180, kif ukoll għas-somma ta' £240 bħala kumpens għal inkapaċità parzjali u permanenti minnha sofferta. B'kollox il-perit legali illikwida id-danni sofferti mill-atturi fis-somma komplessiva ta' £505.11.6.

Illi l-konvenut, u anke l-atturi, jillamentaw mill-likwidazzjoni ta' xi partijiet kif magħmula mill-perit legali. Il-konvenut jissottometti li l-ammont ta' £46, kont ta' l-isptar u £12 li l-atturi jgħidu li ħallsu lill-infermier kompriżi t-tnejn issomma ġia msemmija ta' £85.11.6., l-aturi mhumiex intitolati għalihom, l-ewwel ammont għaliex l-assigurazzjoni tal-konvenut ħallset jew ser tħallas l-istes ammont; u l-ammont l-ieħor, għaliex l-istess ma jinsabx ġustifikat bl-irċevuta. Dawn is-sottomissjoni tal-kovenut mhumiex sostenibili. Infatti rigward l-ewwel ammont ta' £46 huwa veru li Wilfred Mamo, in rappreżentanza tal-kumpanija assiguratriċi, xehed li din issomma se tiġi mħallsa, imma l-istess ma tidhirx li sal-lum ġiet imħallsa. Rigward l-ammont ta' £12, imbagħad, l-istess jinsab ġustifikat bid-dokument relativ.

Illi l-konvenut jissottometti li l-ammont ta' £2.15.0 kompriż ukoll fl-istess somma ta' £85.11.6 mhux dovut minnu, mentri l-atturi jirrilevaw li dan l-ammont għandu jkun £4.10.0 L-ammont in kwistjoni jirrigwarda l-fat li fl-inċident ġa

msemmi Crocifissa ortelli tkissrilha l-frame tan-nuċċali u xxaqqitilha waħda mill-lenti u biex tirrimpjazzahom hi għamlet frame ġdid u żewġ lenti għalih skond l-aħħar moda u nefqet £4.10.0. Il-perit legali osserva li Crocifissa Portelli mhix intitolata għal valur kollu tan-nuċċali bħala ġdid għaliex għandu jsir ċertu deprezzament, billi meta tkisser ma kienx ġdid, u għalhekk l-istess valur minflok £4.10.0 għandu jitqies £2.15.0. Il-konvenut jissottometti li lanqas dan l-ammont ma huwa ammissibbli, għaliex Crocifissa Portelli ammettiet li n-nuċċali li kellha ma kienx ġdid u li hi kienet ta' spiss tbiddel in-nuċċali skond il-moda u hekk kienet aktarx tbiddlu anke kieku ma ġarax l-inċident b'mod li ġiet ma tilfet xejn. L-atturi jirrilevaw li huma nefqu £4.10.0 u daqstant għalhekk għandu jħallas il-konvenut. Mix-xhieda ta' Crocifissa Portelli jirriżulta li fl-inċident waħda mill-lenti tan-nuċċali tkissret u xxaqqet ukoll waħda mil-lenti. Għalhekk frame ġdid u waħda mil-lenti kellhom isiru bil-fors, dak li seta' u ma kellux isir kien li Crocifissa Portelli tbiddel il-fram biex tagħmlu skond l-aħħar moda u b'hekk iżid l-ispiża a detriment tal-konvenut mhux biss tal-frame imma wkoll ta' waħda mil-lenti, dik li ma nkisritx. *Fil-fehma tal-Qorti Crocifissa Portelli kieku fittxet* ma kienitx tonqos li ssib frame ta' nuċċali bħal dak li kellha meta ġara l-inċident li presumibilment kien orħos minn dak li xtrat l-aħħar darba li kienet għaddiet il-moda tiegħu u b'hekk lanqas ma kien ikun hemm in-neċessità li tixtri lenti oħra. iskrezzjonalment jista' jingħad li l-ammont ta' £2.15.0 *kif likwidat mill-perit* ulegali *huwa* ġust u *raġonevoli* u taħt dan l-aspett il-konklużjoni tal-perit tiġi adottata.

Illi l-konvenut jissottometti li l-ammont ta' £96 kompriż fis-somma ta' £180 likwidat favur l-atturi għall-paga ta' seftura għall-perjodu li ġia għadda mhux dovut għaliex ma jikkorrispondix mar-realtà, u l-ammont bilanċjali tar-rimanenti £84 likwidat favur l-attriċi Giuseppa Portelli għat-telf li kellha fl-oganizzazzjonijiet ta' xalati u ħwejjeġ oħra lanqas ma hu-

wa dovut għaliex ma saretx prova suffiċjenti in ġustifikazzjoni tiegħu. Dina l-Qorti ssib ġust irrilev tal-konvenut rigward l-ammont ta' £96. Ma jirriżultax li l-attriċi Giuseppa Portelli mpjegat, u kwindi ħallset, xi seftura biex tgħinha, l-istess *perit jgħid li dan l-ammont l-attriċi msemmija* **kien ikollha tonfqu kieku minflok is-serviġi ta' bintha kellha timpjega seftura.** Huwa veru li l-atriċi msemmija minflok seftura kellha tgħina lil bintha, imma ma jirriżultax li din bint l-attriċi biex tgħin lil ommha tilfet xi flus jew inkorriet f'xi spejjeż. Bħalma jissottometti l-konvenut, mhux il-każ li ssir riserva għall-eventwalità li l-istess attriċi, 'il quddiem timpjega seftura biex tgħinha, għaliex dawn id-danni eventwali, jinsabu koperti fis-somma li l-perit legali akkorda lil atturi għat-telf deċenti minn inkapaċità permanenti, billi l-perit issottometta li s-somma ndikata ta' £96.0.0. ġiet minnu likwidata sat-30 ta' Settembru 1962, u li **minn dik inhar 'il quddiem** din is-somma għandha tkun inkluża fis-somma likwidata bħala kumpens għall-inkapaċità sofferta *mill-attriċi*. Dan l-ammont għalhekk mhux dovut mill-konvenut lill-atturi. Rigward l-ammont l-ieħor imsemmi ta' £84 dina l-Qorti ssib ġusti r-raġunijiet li waslu il-perit legali għall-likwidazzjoni relativa. Anzi, din is-somma ta' erba u tmenin lira (£84) għandha tiġi awmentata, fis-sena li l-perit illikwida b'konsiderazzjoni tat-telf ta' l-attriċi sat-30 ta' Settembru, 1962, billi ppresuma li l-kawża tiġi definita fil-bidu ta' Ottubru li għadda. Dan it-telf għandu għalhekk jiġi kalkolat soffert sallum, u kwindi bl-istess konsiderazzjonijiet segwiti mill-perit legali, li dina l-Qorti tadotta, l-istess ammont għandu jsir £105, billi għandu jiġi likwidat f'dak ulterjuri ta' £21, ċioè £9 jew £1.10.0 fix-xahar mill-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena, 1962, sallum, għall-organizzazzjonijiet ta' xalati u £12 jew £2 fix-xahar għall-istess perjodu għal xogħol ieħor relativ għall-bejgħ u rahan ta' oġġetti.

Illi rigward is-somma ta' £240.0.0. li l-perit legali llikwida favur *l-attriċi Giuseppa Portelli, bħala kumpens għal-lesjoni-*

jiet li rriportat fl-incident, il-konvenut jissottometti li l-istess somma hija esaġerata għaliex ġiet lill-perit akkordata fuq il-bażi ta' 20% debilità mentri t-tabib Dottor Amato ddikjara li din id-delibità tammonta għal 15% u għandha tiżdied jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni fl-attivitajiet l-oħra oltre x-xogħol domestiku li l-attriċi kienet tagħmel qabel, u l-atturi *jirrelevaw li l-istess somma likwidata fuq il-bażi ta' persentaġġ* ta' 20% ta' disabilità mhux biss mhiex esaġerata iżda hija nferjuri għar-realtà u jitolbu li l-entità ta' nkapaċità tiġi stabilita minn espert. Din il-Qorti taqbel mal-likwidazzjoni magħmula f'dan ir-rigward mill-perit legali fis-somma ta £240. Huwa veru li t-abib Dr Amato ċċertifika li l-grad ta nkapaċità ta' l-attriċi huwa ta' 15% imma din ir-rata, kif tajjeb jissottometti l-perit, għandha ċertament tiġi awmentata 5% b'konsiderazzjoni ta' l-attivitajiet l-oħra, oltre x-xogħol domestiku li l-attriċi kienet tagħmel qabel, u ma jidhirx li tista tkompli tagħmel wara li korriet. Is-somma ta' £84 fuq imsemmija likwidata mill-perit legali u awmentata mill-Qorti b'£21 ġiet akkordata lill-istess attriċi għat-telf ta' dawn l-attivitajiet tagħha, u xogħol domestiku, sallum biss, għalhekk huwa ġust u ekwu li għal quddiem l-attriċi jkollha kumpens għal dawn l-attivitajiet minnha mitlufa, liema kumpens ġie likwidat birrata ta' 5%. Ma jidhirx li huwa l-każ ta' nomina ta' espert għall-finijiet mitluba mill-atturi; ħadd aktar mit-tabib Dr. Amato li mill-bidu nett sa l-aħħar u preċisament sal-5 ta' Lulju 1962, kellu taħt il-kura tiegħu u eżamina lill-attriċi, ma huwa f'posiżżjoni li jiċċertifika l-entità ta' disabilità mill-istess attriċi sofferta.

Illi għalhekk id-danni sofferti mill-attriċi li għalihom għandu jirrispondi l-konvenut jiġu likwidati fis-somma komplessiva ta' £430.11.6d., ċioè £85.11.6 telf ta' oġġetti u spejjeż. £105 telf ta' qliegħ minn meta ġara l-inċident sallum, u £240 kumpens għal inkapaċità parzjali permanenti sofferta mill-attriċi Giuseppa ortelli. Bħal ma tajjeb ukoll jissottometti l-

perit legali oltre din is-somma l-konvenut huwa tenut għal ħlas favur l-attur tal-kont li jista' talvolta jiġi eżatt mingħand l-attur għall-kura fl-isptar ta' ibnu Toni Portelli, u għal dan *il-fini ssir riserva favur l-attur.*

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċiedi billi (1) tiddikjara lill-konvenut responsabili tad-danni sofferti mill-atturi in segwitu għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni; (2) tillikwida dawn id-danni fis-somma kompplessiva fuq imsemmija ta' erba' mija u tletin lira ħdax-il xelin u sitt soldi; u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi in linea ta' dawn id-danni s-somma hekk likwidata ta' £430.11.6, u bir-riserva fuq imsemmija favur l-attur. L-ispejjeż iħallashom kollha l-konvenut.